**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 137/13VG**

**XXX**

**Vs**

**Direttur Ġenerali (Taxxi Interni)**

**Illum 22 ta' Marzu 2022**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat minn XXX fit-30 ta' Lulju 2013 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal iħassar u jirrevoka l-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004, inkluż is-sorte, l-imgħax u taxxa addizzjonali, maħruġa fil-konfront tiegħu mid-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) u dana billi: (i) il-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 u l-Avviż ta' Rifjut ma nħarġux *properly, reasonably* u *fairly*; (ii) il-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 harġet *fuori termine*, Artikoli 30 u 31 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) huwa qatt ma rċieva l-qliegħ li qed jgħid id-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni); (iv) il-kalkoli tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) huma għal kollox żbaljati u bażati fuq premessi ħżiena; (v) huwa ma ingħatax smigħ xieraq fl-istadju ta' l-oġġezzjoni; u (v) ir-rapport taxxa ipperikolata/multi amministrattivi w imgħax punittiv jippekkaw serjament f'dak li huwa proporzjonalità; bl-ispejjeż kontra d-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni);

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "DG01" sa' Dok. "DG03b" a fol. 2 sa' 7 tal-proċess;

Ra r-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) permezz ta' liema jopponi għall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu għas-sena ta' stima 2004 u jitlob li l-istess jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra r-Rikorrent, u minflok l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa tiġi kkonfermata stante li: (i) ma huwiex minnu li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 u l-Avviż ta' Rifjut ma nħarġux *properly, reasonably* u *fairly*; (ii) il-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 ma nħarġitx fuori termine stante li inħarġet ai termini ta' l-Artikolu 31(7)(a) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) il-kalkoli li fuqhom hija bbażata l-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 huma għal kollox spjegati

u huma bbażati fuq l-fatti u fuq il-provvedimenti tal-Liġi; (iv) ir-Rikorrent ingħata kull opportunità biex jippreżenta l-verżjoni tiegħu ta' kif ġraw il-fatti, kemm fl-istadju ta' verifika kif ukoll fl-istadju ta' oġġezzjoni, u b'hekk ma jistax jixli lid-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) li ma taħx smigħ xieraq anzi kien ir-Rikorrent stess li baqa' ma kkoperax mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni; (v) it-taxxa pperikolata nħadmet abbażi tar-rati ta' taxxa li huma applikabbli għal kull individwu residenti fir-Repubblika ta' Malta u l-multi amministrattivi w imgħax huma bbażati fuq il-provvedimenti tal-Liġi f'dan ir-rigward;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) markati Dok. "GB1" sa' Dok. "GB22" a fol. 26 sa' 107 tal-proċess;

Ra d-dikjarazzjoni li dawn il-proċeduri għandhom jimxu mar-Rikors bin-Numru 134/13[1] u li l-provi miġbura fl-imsemmija proċeduri jgħoddu għal dawn il-proċeduri ukoll[2];

Ra d-Digriet datat 29 ta' Jannar 2015[3] li bih it-Tribunal f'dak l-istadju u sakemm jiġi deċiż l-aggravju tar-Rikorrent li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 inħarġet *fuori termine*, astjena milli jieħu konjizzjoni tat-talbiet avvanzati mir-Rikorrent waqt is-seduta tat-12 ta' Jannar 2015;

Sema' x-xhieda ta' Michèle Xuereb, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduti ta' l-4 ta' Ġunju 2015[4], tal-11 ta' Jannar 2016[5], tas-17 ta' Novembru 2016[6], tat-23 ta' Jannar 2017[7], tas-6 ta' April 2017[8], tal-11 ta' Mejju 2017[9], tad-19 ta' Ottubru 2017[10], tat-23 ta' Novembru 2017[11], tal-25 ta' Jannar 2018[12], tal-15 ta' Marzu 2018[13], ta' l-14 ta' Ġunju 2018[14], tal-11 ta' Ottubru 2018[15] u tas-17 ta' Jannar 2019[16] u ra d-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "MX1" sa' Dok. "MX10" a fol. 211 sa' 324 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), Rik. Nru. 134/13, Dok. "GV1" a fol. 358 sa' 377 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), Rik. Nru. 134/13, Dok. "GVX" a fol. 395 sa' 408 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), Rik. Nru. 134/13 u Dok. "GVZ" a fol. 422 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), Rik. Nru. 134/13, Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 429 sa' 801 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), Rik. Nru. 134/13, ra l-affidavit ta' Michèle Xuereb esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' Nota ppreżentata fis-6 ta' Lulju 2015 a fol. 134 sa' 136 tal-proċess u ra d-dokumenti li għalihom issir referenza fl-imsemmi affidavit esebiti a fol. 131 sa' 178 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Direttur Ġenerali (Taxxi

[1] Fol. 120 tal-proċess.
[2] Fol. 155 tal-proċess.
[3] Fol. 126 sa' 129 tal-proċess.
[4] Fol. 132 u 133 tal-proċess.
[5] Fol. 140 sa' 142 tal-proċess.
[6] Xhieda mogħtija fil-proċeduri fl-ismijiet "XXX v. Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) a fol. 167 sa' 171 tal-proċess.
[7] Xhieda mogħtija fil-proċeduri fl-ismijiet "XXX v. Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) a fol. 173 sa' 189 tal-proċess.
[8] Xhieda mogħtija fil-proċeduri fl-ismijiet "XXX v. Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) a fol. 194 sa' 196 tal-proċess.
[9] Xhieda mogħtija fil-proċeduri fl-ismijiet "XXX v. Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) a fol. 206 tal-proċess.
[10] Fol. 156 sa' 161 tal-proċess.
[11] Fol. 178 sa' 182 tal-proċess.
[12] Fol. 184 u 185 tal-proċess.
[13] Fol. 187 u 188 tal-proċess.
[14] Fol. 190 u 191 tal-proċess.
[15] Fol. 193 sa' 195 tal-proċess.
[16] Fol. 199 sa' 204 tal-proċess.

Interni), Rik. Nru. 134/13, sema' x-xhieda tar-Rikorrent mogħtija waqt is-seduti tad-19 ta' Ottubru 2017[17] u tat-23 ta' Novembru 2017[18] u ra d-dokumenti esebiti mir-Rikorrent a fol. 822 sa' 1388 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), Rik. Nru. 134/13, ra s-sentenza fl-ismijiet "HSBC Bank Malta p.l.c. v. O.A. Investments Ltd. et" Ċitaz. Nru. 333/04 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Marzu 2005 esebita mir-Rikorrent permezz ta' Nota ippreżentata fit-2 ta' Marzu 2021 a fol. 1399 sa' 1404 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), Rik. Nru. 134/13 u ċ-ċertifikat maħruġ mid-Deputat Reġistratur tar-Reġistru tal-Qrati Ċivili u Tribunali (Malta) li minnu jirriżulta li l-appell mis-sentenza appena msemmija ġie dikjarat bħala ċedut fit-30 ta' Marzu 2007;

Ra d-Digriet datat 11 ta' Mejju 2017[19] li bih it-Tribunal astjena milli jieħu konjizzjoni tat-talba tar-Rikorrent avvanzata bir-Rikors ippreżentat fis-6 ta' April 2017, ossia t-talba għall-isfilz tad-dokument Dok. "MX6" esebit minn Michèle Xuereb waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2017, u dana billi tali talba tirrikjedi analiżi u determinazzjoni ta' materja li jmorru oltre l-kompetenza tat-Tribunal;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-Difensur tar-Rikorrent u ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 217 sa' 237 tal-poċess;

Ra li l-partijiet kontendenti ddikjaraw li ma għandhomx iktar sottomissjonijiet x'jressqu[20];

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidra:**

Bil-proċeduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 maħruġa fil-konfront tiegħu mid-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) fit-3 ta' Ġunju 2013, permezz ta' liema qed jiġi mitlub iħallas is-somma ta' €5,108 rappreżentanti taxxa dovuta għall-imsemmija sena ta' stima, flimkien mas-somma ulterjuri ta' €23,216 rappreżentanti interessi u taxxa addizzjonali, komplessivament ammontanti għal **€28,324**[21].

Huwa jitlob ir-revoka *in toto* ta' l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa in bażi għas-segwenti aggravji: (i) il-Likwidazzjoni ta' Taxxa u l-Avviż ta' Rifjut ma nħarġux *properly, reasonably* u *fairly*; (ii) il-Likwidazzjoni ta' Taxxa harġet *fuori termine*, Artikoli 30 u 31 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) huwa qatt ma rċieva l-qligħ li qed jgħid id-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni); (iv) il-kalkoli tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) huma għal kollox żbaljati u bażati fuq premessi ħżiena; (v) huwa ma ingħatax smigħ xieraq fl-istadju ta' l-oġġezzjoni; u (v) ir-rapport taxxa pperikolata/multi amministrattivi w imgħax punittiv jippekkaw serjament f'dak li huwa proporzjonalità.

---

[17] Fol. 162 sa' 169 tal-proċess.
[18] Fol. 171 sa' 177 tal-proċess.
[19] Fol. 148 u 149 tal-proċess.
[20] Vide Nota ta' l-Avukat Dr. Robert Attard a fol. 1434 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), Rik. Nru. 134/13 u verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Ottubru 2021 a fol. 238 tal-proċess.
[21] Dok. "DG03b" a fol. 4 tal-proċess.

Id-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi għall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 u jitlob li l-istess jiġi miċħud u l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa tiġi kkonfermata stante li: (i) ma huwiex minnu li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa u l-Avviż ta' Rifjut ma nħarġux *properly, reasonably* u *fairly*; (ii il-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 ma nħarġitx fuori termine stante li nħarġet ai termini ta' l-Artikolu 31(7)(a) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) il-kalkoli li fuqhom hija bbażata l-Likwidazzjoni ta' Taxxa huma għal kollox spjegati u huma bbażati fuq l-fatti u fuq il-provvedimenti tal-Liġi; (iv) ir-Rikorrent ingħata kull opportunità biex jippreżenta l-verżjoni tiegħu ta' kif ġraw il-fatti, kemm fl-istadju ta' verifika kif ukoll fl-istadju ta' oġġezzjoni, u b'hekk ma jistax jixli lid-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) li ma taħx smigħ xieraq anzi kien ir-Rikorrent stess li baqa' ma kkoperax mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni; (v) it-taxxa pperikolata nħadmet abbażi tar-rati ta' taxxa li huma applikabbli għal kull individwu residenti fir-Repubblika ta' Malta u l-multi amministrattivi w imgħax huma bbażati fuq il-provvedimenti tal-Liġi f'dan ir-rigward.

**Aggravju preliminari.**

In linea preliminari r-Rikorrent jikkontendi li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 inħarġet *fuori termine* skond kif previst fl-Artikoli 30 u 31 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta. Id-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), illum Kummissarju tat-Taxxi, da parte tiegħu jikkontendi li l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa ma nħarġitx *fuori termine* in kwantu l-istess inħarġet ai termini ta' l-Artikolu 31(7)(a) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta.

It-Tribunal jibda billi josserva li għall-finijiet tat-terminu entro liema kellha tinħareġ Likwidazzjoni ta' Taxxa fil-konfront tar-Rikorrent għas-sena ta' stima **2004** japplika l-Artikolu 31 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux l-Artikolu 30 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta. In fatti l-Artikolu 31(5) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *meta l-Kummissarju jkun jidhirlu li t-taxxa li għandha titħallas minn persuna* ***għas-sena ta' stima 1999 jew għal xi sena ta' stima sussegwenti***[22] *tkun ġiet determinata f'ammont inqas minn dak li kellu jiġi intaxxat, il-Kummissarju jista' wara li jqis dawk il-prospetti, kotba jew provi oħra, jekk ikun hemm, li jistgħu jinġiebu quddiemu jew jinksibu minnu, skond l-aħjar ġudizzju tiegħu jagħmel stima ta' l-income taxxabbli ta' dik il-persuna, it-taxxa li għandha titħallas fuqu u t-taxxa li għandha titħallas, jew li għanha titħallas lura lil dik il-persuna għal dik is-sena ta' stima, u meta l-Kummissarju wara li jkun għamel stima jkun tal-fehma li xi taxxa tkun ġiet stmata f'ammont inqas minn dak li kellu jiġi ntaxxat, huwa jista', bl-istess mod, jagħmel stima jew stimi addizzjonali.*

Is-subartikolu (6) ta' l-imsemmi Artikolu tal-Liġi jipprovdi li *stima jew stimi addizzjonali għal xi sena ta' stima taħt is-subartikolu (5) għandha ssir jew għandhom isiru mhux iktar kmieni miż-żmien preskritt taħt l-Artikolu 10(1) sabiex jintbagħat il-prospett ta' l-income għal dik is-sena u mhux iktar tard minn ħames snin minn tmiem is-sena li fiha kien intbagħat prospett ta' l-income jew prospett ulterjuri għal dik is-sena jew li fiha tkun saret għażla taħt l-Artikolu 12 għal dik is-sena.* Is-subartikolu (7)(a) ta' l-Artikolu 31 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta però

[22] Enfasi tat-Tribunal.

jipprovdi li *minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (6) meta persuna: (a) tkun bagħtet prospett jew prospetti lill-Kummissarju u fihom ma tkunx żvelat il-fatti materjali kollha rilevanti għalbiex jiġi determinat l-income u t-tnaqqis permess … stima jew stima addizzjonali taħt is-subartikolu (5) tista' ssir f'kull waqt wara ż-żmien stipulat skond ma hemm f'dan l-Att għar-rigward tal-konsenja tal-prospett ta' l-income għal dik is-sena.*

Mill-atti proċesswali jirriżulta li għall-finijiet purament ta' dati, il-Likwidazzjoni ta' Taxxa fil-konfront tar-Rikorrent għas-sena ta' stima 2004 effettivament inħarġet iktar minn ħames snin mit-tmiem tas-sena li fiha huwa kien bagħat il-prospett ta' l-income tiegħu, liema prospett. Il-Likwidazzjoni ta' Taxxa in kwistjoni nħarġet fit-3 ta' Ġunju 2013 filwaqt li l-prospett tat-taxxa tar-Rikorrenti għas-sena ta' stima 2004 kien ġie minnu sottomess, hekk kif jirriżulta mir-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interniż), fl-20 ta' Lulju 2004[23]. Stabbilit dan jeħtieġ jiġi determinat jekk id-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) kienx ġustifikat f'li joħroġ il-Likwidazzjoni ta' Taxxa in kwistjoni oltre t-terminu ta' ħames snin previst fl-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-provi prodotti u b'mod partikolari mir-Rapport ta' l-Objection Review Officers Kevin Ellul u Miriam Alessandro[24] jirriżulta li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 finalment maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent u li tifforma l-mertu ta' dawn il-proċeduri, tittratta biss dwar *fringe benefits* li minnhom ibbenefika r-Rikorrent fir-rigward ta' shareholder's loan konċess lilu mis-soċjetà tiegħu stess, O.A. Investments Limited. Fl-imsemmi Rapport fost affarijiet oħra jingħad is-segwenti: *During the review it transpired that several aspects of Mr. Agius' income had not been looked into during the audit. These areas were: 1) Movements in shareholders' loans to Maltese entities owned by Mr. Agius; 2)* ***Fringe benefits due on loans taken by Mr. Agius from his Maltese Companies***[25]*. A detailed exercise was carried out to analyse the movement in shareholder's loans accounts in the Maltese companies owned by Mr. Agius, namely OA Investments Limited, Colbor Limited and Mantoray Limited, during the period under review. It transpired that a total of Lm109,223 had been injected by Mr. Agius during the years under review. However, following clarifications from the taxpayer's auditors (Vincent Curmi & Associates) it resulted that there had been a book-keeping mistake during the financial year ending 31 December 2007 which had gone unnoticed by the auditors. Interest waived by the bankers of Lm133,187 was incorrectly posted as funds injected by the shareholder. The corresponding entry was made against bank interest payable in the profit and loss account. An adjustment was made to the declarations of OA Investments Limited for basis year 2007.* ***During our fieldwork it was noted that the taxpayer had debit shareholder's balance in the books of OA Investments Limited for the years under review on which fringe benefits were due. Despite repeated reminders to provide explanations with respect to such balances, taxpayer did not give the requested feedback***[26]*. Table 2 indicates the value of the fringe benefits on these debit shareholder's balances:*

[23] Para. 36 tar-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), fol. 21 tal-proċess.
[24] Fol. 663 sa' 666 tal-proċess fl-ismijiet "Olive Agius v. Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), Rik. Nru. 134/13.
[25] Enfasi tat-Tribunal.
[26] Enfasi tat-Tribunal.

| ***Fringe benefits due from Mr. XXX - O.A. Investments Limited*** | | | |
|---|---|---|---|
| | | | |
| *Y/A* | ***2004*** | *2005* | *2006* |
| *Basis Year* | ***2003*** | *2004* | *2005* |
| | ***Lm*** | *Lm* | *Lm* |
| *Amount due from shareholder* | ***108,052*** | *92,235* | *93,325* |
| *Interest rate* | ***8%*** | *8%* | *8%* |
| *Value of fringe benefits* | ***8,644*** | *7,379* | *7,466* |

***Objection review officers conclusions -*** *Based on the work carried out during the objection review, it is recommended that the Director General - Inland Revenue Department issues a refusal to taxpayer's objections and revise the assessment on the following basis: 1. Injection of funds in Admiral s.p.a. - the funds invested by Rail Trading Company Limited, a dormant company fully owned by the taxpayer, in Admiral s.p.a. shall be brought to charge since the declarations for income purposes of the taxpayer do not justify the accumulation of this wealth by the taxpayer. 2.* ***Fringe benefits on debit balances in shareholder's accounts***[27]*.*

*The following table indicates the revised assessment:*

| *Y/A* | *2004* | *2005* | *2006* | *2007* | *2008* | *2009* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *Basis* | *2003* | *2004* | *2005* | *2006* | *2007* | *2008* |
| | *Lm* | *Lm* | *Lm* | *Lm* | *Lm* | *Lm* |
| *Employment* | *4,000* | *4,300* | | | | |
| *Pension* | | | | | | *4,786* |
| *Rental Income* | | *79* | | | *79* | *183* |
| *Injection of funds in foreign entities Table 2)* | | *3,886* | *67,626* | *50,228* | | |

[27] Enfasi tat-Tribunal

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *Fringe benefits (Table 3)* | ***8,644*** | *7,379* | *7,466* | | | |
| | *12,644* | *15,644* | *75,092* | *50,228* | *79* | *4,969* |
| *Tax Due* | *2,193* | *3,243* | *24,050* | *15,348* | - | - |

Dawn il-*fringe benefits* ma ġewx dikjarati mir-Rikorrent fil-prospett tat-taxxa tiegħu għas-sena ta' stima 2004 u konsegwentement jidher illi huwa bagħat prospett lill-Kummissarju li fih ma żvelax il-fatti materjali kollha rilevanti sabiex jiġi determinat l-income tiegħu u kwalunkwe tnaqqis permess, ċirkostanza din li taqa' sfieq taħt l-Artikolu 31(7)(a) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ir-Rikorrent da parte tiegħu però jikkontendi li huwa ma għandu jkun tenut iħallas l-ebda taxxa fuq tali *fringe benefits* u dana fid-dawl ta' l-emenda għall-Leġislazzjoni Sussidjarja 123.55 introdotta fl-2017.

***Fringe benefit on debit balances in shareholder's accounts.***

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu l-Kummisarju tat-Taxxi ssottometta illi *mid-dikjarazzjonijiet li ġew sottomessi wara l-istadju ta' verifika, irriżulta wkoll li l-appelant kien irċieva self mingħand OA Investments Limited li fuqhom ma kienx qed iħallas imgħax u li konsegwentement kien taxxabbli fuqhom skond ir-Regoli dwar Benefiċċji minn Impjieg jew Kariga (S.L. 123.55) prevalenti dak iż-żmien*[28]. Huwa proprio fuq dan l-aħħar punt li hija bbażata l-oġġezzjoni fil-mertu tar-Rikorrent għall-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004, in kwantu jikkontendi li fid-dawl ta' l-emenda għar-Regolamenti in kwistjoni, huwa ma għandu jkun tenut iħallas l-ebda taxxa fuq tali *fringe benefits*.

Ir-Regoli dwar Benefiċċji minn Impjieg jew Kariga, Leġislazzjoni Sussidjarja 123.55, daħlu fis-seħħ in forza ta' l-Avviż Legali 125 ta' l-2001. Ai termini ta' l-imsemmija Regolamenti shareholders' loans huma Benefiċċji tal-Kategorija 3 - Benefiċċji Oħra fit-Taqsima D ta' l-istess. Ir-Regolament 26 kif introdott bl-Avviż Legali 125 ta' 2001 kien jipprovdi li: *(1) l-għoti minn persuna lil persuna oħra ta' self b'kundizzjonijiet vantaġġużi għandu jitqies li huwa benefiċċju mogħti mill-persuna imsemmija l-ewwel lil dik imsemmija l-aħħar. (2) Għall-fini ta' din ir-regola - (a) "self" tinkludi kull ammont avvanzat jew kreditu u kull ammont muri fir-records ta' persuna bħala li għandu jitħallas lilha minn persuna oħra; (b) self għandu jitqies li jkun ingħata b'kondizzjonijiet vantaġġużi jekk ma jkollu jitħallas ebda imgħax mill-benefiċjarju jew jekk l-imgħax li għandu hekk jitħallas ikun anqas mir-rata benchmark; (ċ) ir-rata benchmark ta' mgħax fuq self hija dik ir-rata li tista' tiġi stabbilita mill-Kummissarju minn żmien għal żmien u l-Kummissarju jista', għal dak il-fini, jistabilixxi rati differenti għal self mogħti f'ċirkostanzi differenti: Iżda - (i) għaż-żmien mill-1 ta' Jannar 2001 sal-31 ta' Diċembru 2005 ir-rata tal-benchmark ta' mgħax fuq self mogħti minn bank imwaqqaf jew liċenzjat taħt il-liġi*

[28] Para. 39 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi, fol. 227 tal-proċess. Sottolinear tat-Tribunal.

*ta' Malta jew minn istituzzjoni finanzjarja awtorizzata li ssellef flus lill-pubbliku in ġenerali taħt il-liġi ta' Malta lil xi impjegat ta' tali bank jew istituzzjoni finanzjarja għandha tkun ta' 4.5% fis-sena; (ii) sakemm ma tiġix, u sa meta tiġi, stabbilita rata differenti mill-Kummissarju r-rata benchmark ta' imgħax fuq kull self ieħor għandha tkun ta' 8.5% fis-sena.* Ir-Regolament 27 kif introdott bl-Avviż Legali 125 ta' l-2001 kien jipprovdi li *l-valur annwali tal-benefiċċju imsemmi fir-regola 26 huwa l-imgħax li kien jitħallas fuq is-self għas-sena in kwistjoni kieku kellu jitħallas bir-rata benchmark imnaqqas bl-imgħax imħallas fuq is-self mill-benefiċjarju f'dik is-sena: Iżda fil-każ ta' self li jgħodd għalih il-parafrafu (i) tal-proviso għal paragrafu (ċ) tas-subregola (2) tar-regola 26, il-valur annwali għandu jitnaqqas bir-riduzzjoni dwar benefiċċju in-house.*

Għalkemm ir-Regolament 26 ġie emendat diversi drabi matul is-snin bl-aħħar darba li ġie emendat kien bis-saħħa ta' l-Avviż Legali 205 ta' l-2017, hija l-emenda għar-Regolament 27 bl-istess imsemmi Avviż Legali li hija iktar ta' rilevanza għall-każ in eżami stante li din ġiet invokata mir-Rikorrent bħala raġuni għalfejn ma għandux jiġi ntaxxat fuq il-*fringe benefits*.

Bis-saħħa ta' l-Avviż Legali 205 ta' l-2017, ġie miżjud is-segwenti *proviso* għar-Regolament 27 u cioè li *iżda wkoll il-valur ta' self minn kumpannija lil azzjonist li jkollu iktar minn 25% ta' l-azzjonijiet fil-kapital azzjonarju ordinarju u tal-jeddijiet għal vot f'dik il-kumpannija għandu jkun zero*. L-introduzzjoni ta' dan il-*proviso* effettivament tfisser illi self mogħti minn kumpannija lil azzjonist li jkollu iktar minn 25% ta' l-azzjonijiet fil-kapital azzjonarju ordinarju u tal-jeddijiet għal vot f'dik il-kumpannija, ma għadux meqjus bħala *fringe benefit*.

Il-kwistjoni kollha fil-każ in eżami hija dwar jekk l-emenda in kwistjoni għandhiex teffettwa o meno l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi li r-Rikorrent għandu jiġi intaxxat fuq il-*fringe benefits* għas-sena ta' stima 2004.

Jiġi osservat illi f'dan il-każ il-Kummissarju tat-Taxxi, preċedentement id-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), permezz ta' Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa **fit-3 ta' Ġunju 2013**, qed jintaxxa u jesiġi ħlas tat-taxxa relattiva fuq *fringe benefits* li r-Rikorrent gawda minnhom fis-**sena ta' stima 2004 ossia fis-sena bażi 2003**. Kemm fiż-żmien meta r-Rikorrent gawda l-benefiċċju kif ukoll fiż-żmien meta nħarġet il-Likwidazzjoni ta' Taxxa mertu ta' dawn il-proċeduri, l-għoti minn persuna lil persuna oħra ta' self b'kundizzjonijiet vantaġġużi - fil-każ in eżami ma kienx hemm l-imposizzjoni ta' imgħax fuq is-self - kien meqjus bħala *fringe benefit* u per konsegwenza taxxabbli. Kien biss fil-mori ta' dawn il-proċeduri (dawn il-proċeduri ġew istitwiti mir-Rikorrent fit-30 ta' Lulju 2013) u senjatament fis-sena **2017** li il-Leġislazzjoni Sussidjarja 123.55, senjatament ir-Regolament 27, ġiet emendata fis-sens illi self mogħti minn kumpannija lil azzjonist li jkollu iktar minn 25% ta' l-azzjonijiet fil-kapital azzjonarju ordinarju u tal-jeddijiet għal vot f'dik il-kumpannija ma għadux meqjus bħala *fringe benefit* u kwindi mhux taxxabbli. Fil-fehma tat-Tribunal tali fatt waħdu, ossia **li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa hija għas-sena ta' stima 2004 u l-emenda daħlet in vigore fl-2017**, għandu juri biċ-ċar li llum ir-Rikorrent ma jistax jippretendi li jibbenefika minn provvediment tal-Liġi li appuntu daħal fis-seħħ fl-2017, iktar u iktar meta dak il-provvediment tal-Liġi ma jirriżultax li għandu applikazzjoni retroattiva.

Huwa prinċipju assodat fis-sistema ġuridika nostrali li *r-regola li għandha tipprevali f'materja ta' retroattività ta' liġijiet hija dik pronunżjata minn din il-Qorti* (il-Qorti ta' l-Appell)*, kif dakinhar komposta, fis-sentenza tas-26 ta' Frar 1954 fil-kawża fl-ismijiet "Edgar Baldacchino et v. Onor. Dr. Tommaso Caruana Demajo LL.D. noe et". Hemm ġie ritenut li meta f'liġi li toħroġ ma jkunx hemm klawsola retroattiva, u l-kliem tagħha ma jkunx jimporta retroattività, dik il-liġi ma għandhiex ikollha effett retroattiv, lanqas jekk tkun ta' interess jew ordni pubbliku. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tad-29 ta' Ottubru 1959 fil-kawża "Joseph Caruana Curran noe v. Anthony Camilleri noe" esprimiet ruħha konformement ma' dan it-tagħlim tal-Qorti ta' l-Appell meta rriteniet li biex liġi jkollha effett retroattiv, jeħtieġ li dan l-effett jirriżulta b'mod l-aktar ċar u żgur, u għaldaqstant, fid-dubbju għandu jkun eskluż. Il-kunċett ta' retroattività jsib ukoll applikazzjoni f'proċeduri gja mibdija billi, kif ġie ritenut f'sentenza tal-Prim' Awla tat-3 ta' Diċembru 1947 fil-kawża fl-ismijiet "Dottor Filippo Nicolo Buttigieg et v. Maġġur Gerard C. Gatt R.M.A." fil-każ ta' proċedimenti ġa avvjati liġi ġdida ma tistax tkun retroattiva, iżda r-retroattività għandha xorta waħda tiġi applikata f'proċedimenti ġa avvjati jekk din tkun espressament sanċita mill-istess liġi ġdida*[29].

In kwantu rigwarda b'mod speċifiku l-materja ta' retroattività f'kuntest ta' liġi fiskali issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Joseph Serge, fl-Atti tal-Mandat Nru. 1343/93** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Mejju 2001, fejn ingħad illi *kienet allura ġusta r-riferenza ta' l-appellat* (il-Kummissarju tat-Taxxi Interni) *għas-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Chevalier Anthony Cassar Torreggiani noe v. Nutar Dottor Vincenzo Gatt noe" tat-12 ta' Mejju 1950, f'liema sentenza kienet ġiet iċċitata t-teorija tal-Gabba u siltet ta' ħames punti ewlenin li kien jimmerita li jiġu ċitati. Dawn huma: "1. Li l-liġijiet fiskali huma suġġetti bħal-liġi komuni għall-prinċipju ta' non-retroattività; 2. Li l-istess liġijiet fiskali japplikaw ruħhom u għandhom setgħa u effikaċja għall-attijiet u trasferimenti li jsiru waqt li huma attivi; 3. Li bħala konsegwenza ulterjuri tat-tieni prinċipju fuq mensjonat għall-attijiet u trasferimenti li jkunu saru taħt il-liġi antika jew preċedenti għall-ġdida, l-istess huma retti mil-liġi li taħthom ikunu gjà kompjuti. 4. Li l-atti mibdija taħt il-liġi antika, li jestendu ruħhom taħt il-ġdida għandhom ikunu imperati minn dina l-aħħar liġi. 5. Li fejn ikun jeżisti veru u proprju dritt kweżit kompjut taħt il-liġi anteċedenti dan għandu effikaċja fih innifsu li jirreżisti għall-applikazzjoni tal-liġi, anke fiskali ġdida f'każ ta' mutament tal-liġi anterjuri. Illi però dawn il-prinċipji ma kienux assoluti in quanto che jistgħu jsibu eċċezzjoni u limitazzjoni fil-każijiet kollha fejn il-liġi espressament tiddisponi diversament…*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk it-Tribunal iqis li l-*fringe benefits* li r-Rikorrent gawda minnhom fis-sena bażi 2003 kienu taxxabbli ai termini tal-Liġi u konsegwentement kellu jiddikjarahom fil-prospett tat-taxxa tiegħu għas-sena ta' stima 2004 sabiex b'hekk ikun hemm żvelar sħiħ tal-fatti materjali kollha rilevanti sabiex jiġi determinat l-income tiegħu u kwalunkwe tnaqqis permess. Il-fatt li huwa naqas li jagħmel dan effettivament ippermetta lid-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) joħroġ il-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 fil-konfront ta' l-imsemmi

[29] Avv. John Buttigieg v. Anthony Tabone, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Mejju 2005.

Rikorrent ai termini ta' l-Artikolu 31(7)(a) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement għalhekk il-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 ma nħarġitx fuori termine u r-Rikorrent għandu jħallas it-taxxa, hekk kif determinata mid-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), fuq il-*fringe benefits* in kwistjoni.

**Aggravji oħra.**

It-Tribunal josserva li r-Rikorrent jikkontendi wkoll li huwa ma ngħatax smigħ xieraq fl-istadju ta' l-oġġezzjoni u r-rapport taxxa pperikolata/multi amministrattivi u imgħax punittiv jippekkaw serjament f'dak li huwa proporzjonalità.

In kwantu rigwarda l-aggravju tar-Rikorrent li ma ngħatax smigħ xieraq fl-istadju ta' l-oġġezzjoni, it-Tribunal iqis li ma tantx hemm wisq x'jingħad fir-rigward in kwantu dan assolutament ma huwiex minnu. Minn konsiderazzjoni tal-file relattiv għall-istadju ta' l-oġġezzjoni[30] u b'mod partikolari tal-minuti tal-laqgħat miżmuma mill-Objection Review Officers mar-Rikorrent u/jew ir-rappreżentant tiegħu l-Avukat Dr. Pawlu Lia, jirriżulta ferm ċar li r-Rikorrent ngħata kull opportunità li jiġġustifika, jispjega u jiddefendi lilu nnifsu versu l-pretensjonijiet tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) fil-konfront tiegħu, kwindi altru milli ma ngħatax smigħ xieraq.

In kwantu rigwarda l-aggravju tar-Rikorrent li r-rapport taxxa pperikolata/multi amministrattivi u imgħax punittiv jippekkaw serjament f'dak li huwa proporzjonalità, it-Tribunal huwa tal-fehma li entro l-parametri tal-kompetenza Tiegħu kif konferita bl-Artikolu 35 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa jista' jikkonsidra u jiddetermina biss jekk fl-imposizzjoni tat-taxxa addizzjonali u imgħaxijiet il-Kummissarju tat-Taxxi Interni mexiex skond il-provvedimenti relattivi ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap.123 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-każ in eżami jirriżulta li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni impona t-taxxa amminsitrattiva u l-imgħax fuq ir-Rikorrent a tenur ta' l-Artikolu 56 tal-Kap.123 tal-Liġijiet ta' Malta u a tenur ta' l-Artikolu 44 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant ma jirriżultax li dawn, bħala parti mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruga fil-konfront tar-Rikorrent, huma żbaljati jew eċċessivi. Jekk ir-Rikorrent jikkontendi però li d-disposizzjonijiet tal-Liġi kif promulgati jiksru l-prinċipju ta' proporzjonalità, it-Tribunal ma huwiex il-forum idoneju fejn tiġi trattata tali kwistjoni.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat it-Tribunal iqis li l-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu mid-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) għas-sena ta' stima 2004 ma huwiex ġustifikat u b'hekk ma jistħoqqx li jiġi milqugh.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi:

1. Jiċħad l-aggravju preliminari tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 maħruġa fil-konfront tiegħu mid-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) u jiddikjara li l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa in kwantu

[30] Dok. "B" a fol. 658 sa' 801 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), Rik. Nru. 134/13.

maħruġa ai termini ta' l-Artikolu 31(7)(a) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta, ma nħarġitx fuori termine;

2. Jiċħad ukoll l-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 maħruġa fil-konfront tiegħu mid-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) fil-mertu, u minflok jikkonferma l-istess imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fil-mertu għandhom jiġu sopportati interament mir-Rikorrent.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**